MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 21/2010

**Jean Portelli**

**vs**

**Office Group Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta’ April, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

**“1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar is-16 ta' Dicembru 2008.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Jean Portelli, li minn issa 'l quddiem se jissejjah ir-rikorrent, kien irrapprezentat minn Lino Vassallo, Segretarju tat-Taqsima Turizmu, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema Maghqudin.

2.2 Il-kumpanija Offfice Group Limited li minn issa ‘l quddiem se tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Robert Micallef assistit mill-Avukat Michael Grech.

## 3. Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija Concept Communications Limited fl-01.11.05 fil-kariga ta' *Sales Executive.* Nhar l-01.08.07 kien trasferit mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Photocopier Operator.* Xi zmien wara l-kumpanija ghaddiet f’idejn Aaron Micallef u beda jsir *refurbishment* tas-sit meta nstabu zewg dokumenti li kienu oggezzjonabbli ghall-kumpanija intimata. Nhar id-09.09.08, ir-rikorrenti kellu l-impjieg tieghu mitmum minhabba allegazzjoni li kien l-awtur jew ko-awtur ta’ kitba ta’ poezija li twaqqa ghaz-zuffjet lid-Diretturi tal-kumpanija intimata, u wkoll minhabba xoghol volominuz ta' kkupjar ta' stampi li sar fl-ufficcju tal-kumpanija intimata. Wara intervent ta' rapprezentant tal-Union Haddiema Maghqudin, il-kumpanija intimata accettat it-talba li saritilha biex ir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg li titnizzel fil-formola statutorja tal-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig tkun dik ta' *redundancy* minflok minhabba dixxiplina. Dan sar biex ir-rikorrent ikun jista' jirregistra ghax-xoghol minghajr dewmien u jiehu l-beneficcji tad-dizimpjieg.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Aaron Micallef, Robert Micallef u Nicky Spiteri Paris xehedu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Mario Caruana xehed ghar-rikorrent.

4.3 Ir-rikorrent u Brian Farrugia kienu xhieda komuni.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz.

5.1.2 Kopja ta' ittra datata 09.09.08, mibghuta lir-rikorrent rigwardanti avviz tat-temma ta' l-impjieg, immarkata JP/LV/1.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz.

5.2.2 Kopja ta' poezija minghajr data (animo ritirandi)

5.2.3 Kopja ta' ktejjeb minghajr data li kien fih stampi pornografici (animo ritirandi)

5.2.4 Kopja ta' tahrika ta' kawza tal-Pulizija lil Anthony Micallef u Robert Micallef immarkata MG1.

5.2.5 Kopja tas-sit elettroniku tal-kumpanija intimata immarkata Dok. A

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Mario Caruana**, ex-impjegat mal-kumpanija intimata, stqarr li fi tmiem is-sena 2005 jew fil-bidu tas-sena 2006, wara ikla li l-kumpanija intimata ghamlet ghall-impjegati fir-*Restaurant* Pintonino gestit mill-istess Diretturi fiz-zmien meta l-ufficcju tieghu fil-*Bureau* f'Dar l-Istudenti fl-Universita' ta' Malta kien ghadu fis-sular ta' fuq, kien kiteb poezija bhala cajta u meta lestieha poggieha fil-kexxun ta' l-iskrivanija tieghu minghajr ma wrieha lil hadd. Wara xi zmien l-ufficcju tieghu tnizzel isfel

u ngarret l-ghamara kollha ghal isfel fejn kompla jahdem fil-vicinanza tar-rikorrent u Brian Farrugia ghal madwar sena, sa Awwissu 2007, meta rrizenja minn mal-kumpanija intimata wara li kien accettat fil-Korp tal-Pulizija. Mario Caruana ma setax jiftakar jekk f'din is-sena li hadem fis-sular ta' isfel kienx pogga l-poezija fil-*folder* fejn kien hemm ukoll il-*price list* tas-servizzi offruti mill-kumpanija intimata ghaliex meta fittex xi prezzijiet, kemm ta' stazzjonerija jew ta' servizzi, dejjem hares lejn il-listi li kien hemm imwahhla mal-bieb. Ix-xhud kompla jghid li hu qatt ma stampa jew ra kopji ta' stampi ta' nisa gharwenin fil-*Bureau.* Qal ukoll li d-DVDs kien fihom *films* biex jintwerew lill-istudenti waqt li jistennew biex jinqdew, u hu qatt ma ghamel kopji tal-*films* ghalih. Matul iz-zmien ta' tlettax-il xahar li ghaddew bejn Awwissu 2007, meta rrizenja minn mal-kumpanija intimata, u Settembru 2009, meta cempillu Brian Farrugia, il-kuntatt bit-telefon bejniethom kien rari hafna, forsi darbtejn. Ix-xhud temm jghid li jum fost l-ohrajn kien cempillu Brian Farrugia u gharrfu li l-kumpanija intimata kienet temmet l-impieg tieghu u tar-rikorrent minhabba li kienet instabet poezija fil-*Bureau* tal-kumpanija intimata f'Dar l-Istudenti fl-Universita' ta' Malta li kien fiha kliem dispreggjattiv versus id-Diretturi. Ix-xhud kompla li kif sema' hekk, ammetta ma' Brian Farrugia li hu kien l-awtur tal-poezija u li kien ser icempel lil Robert Micallef biex jghidlu b'kollox u hekk ghamel.

**6.2 Brian Farrugia,** stqarr li hu kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Photocopy Operator* ghal madwar sitt snin u zied jghid li meta sar it-traslog ta' l-ufficcju ta' Mario Caruana mis-sular ta' fuq ghal isfel hu kien prezenti, ma ha ebda sehem fil-garr ta' l-ghamara, u ma segwa xejn minn dak li kien qieghed isir waqt it-traslog. Zied jghid li l-ghamara ta' Mario Caruana tpoggiet f'taqsima differenti mil-lant tax-xoghol fejn kien jahdem hu. Minn meta nizel isfel Mario Caruana beda wkoll jaghtihom daqqa t'id fix-xoghol ta' l-

istampar, allura l-prezenza ta' Mario Caruana hdejn il-*counter* kienet ta' sikwit u li fin-normal l-access ghal wara l-*counter* kien limitat ghall-impjegati. Ix-xhud kompla jghid li meta kellu bzonn jirreferi ghal-listi tal-prezzijiet kien jirreferi jew ghall-magna tal-*binding* fejn kien hemm imwahhla l-lista rilevanti, jew ghal postijiet ohra fejn kien hemm imwahhla l-listi tal-prezzijiet ta' l-ikkupjar. Ix-xhud stqarr li kien jaf bl-ezistenza tal-*folder* li kien fih il-lista tal-prezzijiet ghaliex dan kien fi *tray* fejn matul il-jum kien jitfa' fih il-flus li kienu jidhlu, izda qatt ma kien jifthu hlief darba f'sena meta tasal lista gdida tal-prezzijiet, isiru kopji taghha, l-originali titpogga fil-*folder* u l-kopji jitwahhlu f'diversi postijiet fil-*Bureau*. Ix-xhud cahad li hu kien l-awtur tal-poezija, u zied jghid li qabel ma tkellem Mario Caruana ma kienx jaf min kitibha. Il-ktieb bl-istampi ta' nisa gharwenin sar jaf bih wara li wrihulhom Robert Micallef u kkonferma li ma kellu ebda sehem fl-istampar tieghu. Dan il-ktieb seta' kien fost hafna kopji ta' dokumenti ta' skejjel privati li kienu jinzammu fil-*counter,* izda hu qatt ma rah. Darba fis-sena kien isir tindif generali li hu kien jiehu sehem fih, izda minkejja dan kollu la l-ktieb u lanqas il-poezija qatt ma nstabu. Il-materjal li ntuza biex isir il-ktieb seta' kien tal-kumpanija intimata u seta' ma kienx, ghaliex l-istess materjal kien jintuza minn hafna stabbilimenti li jaghmlu xoghol simili. Zied jghid li lil Mario Caruana kien cempillu ghaliex kien jaf li Mario Caruana kien l-ahhar wiehed li telaq minn dawk li kienu jahdmu fil-*Bureau.* Ix-xhud ikkonferma li kien prezenti ghall-ikla li ghaliha saret riferenza fil-poezija, izda ma kienx jaf bil-proceduri ta' separazzjoni li kienu ghaddejjin bejn Robert Micallef u martu. Ix-xhud ikkonferma li xi zmien qabel kien ghamel kopja tal-*films* fuq DVDs, izda wara li kellimhom Robert Micallef ma regax. Dak in-nhar li nghata l-ittra tat-temma ta' l-impieg kien mar-rikorrent, u wara li kkonferma ma' dan ta' l-ahhar li hu ma kienx l-awtur, u wara li nduna li l-kitba kienet tixbah lil dik ta' Mario Caruana li kien

hadem mieghu waqt *stock-take,* cempel lil Mario Caruana u gharrfu b'kollox. Wara l-konferma ta' Mario Caruana bhala l-awtur tal-poezija, cempel lil Robert Micallef izda dan qatt ma wiegeb it-telefonati. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li ghalkemm fid-dikjarazzjoni tal-kaz iffirmata minnu, inkiteb li l-kumpanija intimata ma kellhiex provi rigwardanti minn kien l-awtur tal-poezija, l-ghazla tal-kliem ma kinitx tieghu.

6.3 **Aaron Micallef**, hu Robert Micallef, stqarr li hu kien jahdem mal-kumpanija Offfice Electronics Limited sa Gunju 2007, meta telaq biex ikompli l-istudji tieghu. Ix-xhud kompla li lir-rikorrent u lil Brian Farrugia kien jafhom bhala impjegati meta kien responsabbli tal-*Bureau* f'Dar l-Istudenti fl-Universita' ta' Malta ghal madwar sentejn. F'Mejju 2008 beda negozjati ma' huh biex iwaqqaf kumpanija tieghu li fost affarijiet ohra kellha tiggestixxi l-*Bureau* fl-Universita' ta' Malta li maghha kienu impjegati r-rikorrent u Brian Farrugia. Waqt li kien ghaddej ix-xoghol ta' tisbih u manutenzjoni fis-Sajf ta' l-2008, meta r-rikorrent u Brian Farrugia kienu trasferiti fl-Ufficcju tal-kumpanija f'Birkirkara, hu kien sab fil-*counter* taht il-*cash register* f'post li ma kienx imsakkar, il-ktieb li kien fih l-istampi ta' nisa gharwenin kif ukoll il-poezija fil-*folder* tal-*price lists,* li kien jinkludi lista bl-ahhar prezzijiet. Il-poezija kienet wara numru ta' pagni li kien fihom il-prezzijiet. Ix-xhud kompla jghid li l-poezija kien qraha, izda ma jafx min kitibha, u l-ktieb seta' kien ikkupjat u migbur fil-*Bureau,* u l-materjal li ntuza ghalih kien jixbah lil dak li jintuza fil-*Bureau.* Fil-poezija saret riferenza ghal *Restaurant* fil-Valletta Waterfront li kien proprjeta` gestita mill-istess azzjonisti u li kien twilla f'Mejju 2008. Ix-xhud zied jghid li l-poezija inkitbet wara ikla organizzata mill-kumpanija intimata ghall-Milied ghaliex ir-rigal li ssemma' kien inghata dak in-nhar. Ghalkemm illum m'hemmx impjegati jahdmu fil-*Bureau* , ghaliex qeghdin jahdmu l-istess azzjonisti, il-klijenti

jghidulu li s-servizz tjieb. Dan ghaliex kuntrarju ghal kif kien jigri fl-imghoddi, il-klijenti mhux qeghdin idumu jistennew lill-impjegati jieqfu milli jispiccaw jaraw il-*films* qabel ma jaghtuhom l-attenzjoni.

6.4 **Robert Micallef**, Direttur mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent kien impjegat fil-kariga ta' *Photocopy Operator* f'Dar l-Istudenti fl-Universita' ta' Malta. Matul is-sajf meta l-Universita` tkun maghluqa, ir-rikorrent kien ikun trasferit temporanjament biex jahdem f'siti ohra tal-kumpanija intimata. Meta Nicky Spiteri Paris inhatar *Sales & Marketing Manager* mal-kumpanija intimata, kien sab kaxxa mimlija DVDs li setghu kienu kkupjati fuq taghmir tal-kumpanija stallat fil-*Bureau.* Brian Farrugia kien ammetta li kienu tieghu personali u li kien jarahom biss waqt il-hin liberu tieghu. Ix-xhud spjega li kien widdeb lil Brian Farrugia kontra ripetizzjoni ta' attivitajiet simili li setghu joholqu suspetti ta' abbuz. Fis-Sajf ta' l-2008, minhabba li huh Aaron Micallef wera interess li jiggestixxi l-*Bureau* fl-Universita` ta' Malta, l-istabbiliment inghalaq, ir-rikorrent flimkien ma' Brian Farrugia kienu trasferiti fl-istabbiliment tal-kumpanija f'Birkirkara, u beda jsir tindif u rrangar tal-post li dam sejjer madwar xahrejn. Waqt ix-xoghol li kien qieghed isir, taht il-*counter* fejn kien hemm il-*cash register,* Aaron Micallef sab *folder* li fih kien hemm lista tal-prezzijiet tas-servizzi offruti fil-*Bureau* kif ukoll dokument li kien jikkonsisti f'poezija bi kliem dispreggjattiv versus id-Diretturi personali u wkoll versus l-operat ta' stabbilimenti gestiti mill-istess Diretturi. Instab ukoll dokument li kien jikkonsisti f'gabra ta' numru kbir ta' pagni bi stampi ta' nisa gharwenin. Ix-xhud kompla li wara li kkonsulta ma' missieru ddecieda li, minkejja li la kien jaf min kien l-awtur tal-poezija, u lanqas min kien li kkopja l-istampi tan-nisa gharwenin, u minghajr ma ried jikkonsidra x'kellhom xi jghidu z-zewg impjegati li jahdmu fil-*Bureau,* itemm l-impieg taghhom. Ghalkemm fl-

ittra tat-temma ta' l-impieg datata 09.09.08, hu kien wahhal maghha kopja tal-poezija biss, fl-istess waqt ghamel riferenza wkoll ghad-dokument l-iehor minghajr ma kiteb dettalji biex ma johloqx inkwiet familjari. Ix-xhud ikkonferma li Mario Caruana kien cempillu u sema' x'kellu jghid, izda ma emmnux. Wara u ghal xi zmien l-istess Mario Caruana kompla jcempel u jibghat messaggi, izda hu injorah. Wara xi zmien, u fuq talba tar-rapprezentant trejdjunjonistiku, accetta li biex ma jkunx hemm tfixkil rigward ir-registrazzjoni ghal impieg, fil-formola statutorja tat-temma ta' l-impieg jiddikjara li t-temma ta' l-impieg saret ghar-raguni ta' *redundancy.*

6.5 **Jean Portelli**, ir-rikorrent stqarr li beda fl-impieg fil-kariga ta' *Photocopy Operator* ma' kumpanija gestita mill-istess Diretturi nhar l-01.11.05 u matul iz-zmien kollu ta' l-impieg qatt ma kellu problemi fuq il-lant tax-xoghol ghajr darba meta x-xoghol ta’ stampar li kien isir f’Santa Venera kien trasferit kollu biex isir fil-*Bureau* fl-Universita` ta’ Malta. Minhabba l-volun tax-xoghol li zdied, u l-fatt li ma nghata ebda kumpens addizzjonali, kien irrizenja. Ir-rizenja kien irtirha wara li Robert Micallef accertah li l-affarijiet kienu ser jinbidlu. Meta Robert Micallef kien kellimhom dwar l-ikkupjar tal-*films* fuq DVDs, Brian Farrugia ammetta li kienu tieghu. Ix-xhud kompla jghid li waqt li l-istudenti kienu jistennew l-istampar tal-kopji li jkunu ordnaw kienu joqghodu jaraw *films* fuq *monitor* imdawwar lejhom. Meta l-ordni kienet tkun ghal tezi twila, l-istudenti kienu jinghataw access biex jidhlu hdejn il-magni biex jaccertaw ruhhom li x-xoghol kien qieghed isir kif riduh huma. Ix-xhud qal li l-*price list* fil-*folder kienet* titpogga hemm darba fis-sena meta tasal dik gdida u li meta kien mehtieg li jara xi prezzijiet kien jirrikorri ghal-listi li kien hemm imwahhla f’diversi postijiet fil-*Bureau.* Ix-xhud cahad li hu kien l-awtur tal-poezija, jew li qabel ma ammetta Mario Caruana kien jaf biha. Fil-ftit drabi li fetah il-*folder*

qatt ma ra l-poezija. Meta l-ufficcju ta' Mario Caruana kien trasferit fis-sular t'isfel hu ma ha ebda parti fil-garr ta' l-ghamara. Il-ktieb esebit qatt ma rah u l-karti li ntuzaw ghall-istampar tieghu kienu komuni ghal diversi stabbilimenti. Ix-xhud ikkonferma li l-impjegati tal-Bureau kellhom access ghall-internet, izda hu ma kellu ebda sehem fl-istampar tal-ktieb. Nhar id-09.09.08 kienet gurnata tax-xoghol normali fl-Ufficini f'Birkirkara. Meta sar il-hin tat-tluq u mar flimkien ma' Brian Farrugia biex jiddepozitaw ic-cwievet, Mandy Molan tatu ittra li fiha kien hemm avviz tat-temma ta' l-impieg, u mwahhla maghha kien hemm kopja fotostatika tal-poezija. Brian Farrugia inghata ittra simili. Wara li tkellmu flimkien, minn fejn irrizulta li hadd minnhom ma kien kiteb il-poezija, Brian Farrugia cempel lil Mario Caruana, li kien l-ahhar impjegat li telaq mil-*Bureau,* biex jghidlu x'kien gara. Brian Farrugia qallu li Mario Caruana ammetta li kien kiteb il-poezija hu stess bhala cajta, u wkoll li kien ser icempel lil Robert Micallef biex jghidlu hekk. Fl-istess waqt cemplu lil Robert Micallef biex jghidulu x'kien qalilhom Mario Caruana, izda kien kollu ghal xejn ghaliex Robert Micallef ma wigibx it-telefon. Ix-xhud zied jghid li l-ktieb tal-kopji ta' stampi ta' nisa gharwenin sar jaf bih madwar xahrejn wara meta wara intervent tar-rapprezentant trejdunjonistiku Itaqa' ma' Robert Micallef fuq l-istess suggett.

**6.6 Nicky Spiteri Paris,** ex-impjegat fil-kariga ta' *Sales & Marketing Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li hu beda fl-impieg f'Gunju 2007, u dam sa Mejju 2008. Jum fost l-ohrajn fil-bidu ta' l-impieg tieghu, waqt vizta li ghamel fil-*Bureau* fl-Universita' ta' Malta, kien sab kaxxa mimljia b'hafna DVDs ta' *films* li Brian Farrugia qallu li kienu tieghu personali. Meta mar lura fl-Ufficcju Ewlieni f'Birkirkara kien gharraf lid-Diretturi bis-sejba li kien ghamel. Ix-xhud ikkonferma li ma kien jaf b'ebda Iment iehor versus ir-rikorrent. Fil-qadi ta' dmirijietu kien imur il-Bureau medja ta' darbtejn

fil-gimgha, u lil Mario Caruana kienlahqu jadem fis-sular terran.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Michael Grech ghall-kumpanija intimata

7.1.1 stqarr li:

- Waqt in-negozjati li kienu qeghdin isiru bejn Robert Micallef u huh Aaron, biex il-*Bureau* jibda jkun gestit minn kumpanija gdida mmexxija minn dan ta' l-ahhar, hu kien impona kundizzjoni biex kemm ir-rikorrent kif ukoll Brian Farrugia jkomplu fl-impieg mal-kumpanija gdida. Dan juri li l-kumpanija intimata dejjem hadet hsieb l-ahjar interessi tar-rikorrent u Brian Farrugia.
- Ir-rikorrent ipprezenta zewg dikjarazzjonijiet tal-kaz, wahda datata 17.12.08, li kienet tikkonsisti fir-riferta tal-kaz lit-Tribunal Industrijali, u l-ohra datata 29.01.09, li kienet tinkludi talbiet li ma dehrux fir-riferta. Minnhabba li din ta' l-ahhar saret aktar tard minn erba' xhur wara t-temma ta' l-impjieg, it-tieni talba hi *fuori termine.*
- Il-kawza tar-rikorrent tramite d-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg fil-Qorti Civili ghall-hlas tal-flus dovuti lilu minhabba *redundancy,* tikkonflingi mar-riferta li saret lit-Tribunal Industrijali rigwardanti allegazzjoni ta' tkeccija ingusta. L-istess kawza tikkonferma l-accettazzjoni tar-rikorrent u Brian Farrugia tar-*redundancy*.
- Xi zmien qabel it-temma ta' l-impieg, Brian Farrugia kien ammetta r-responsabbilta' ghall-ikkupjar tal-*films* fuq DVDs u flimkien mar-rikorrent kienu nghataw twiddiba bil-fomm minhabba kkupjar ta' *films* fuq DVDs.
- Ir-raguni ghat-temma ta' l-impieg saret kemm minhabba l-imgiba dispreggjattiva fil-kitba tal-poezija kif ukoll minhabba l-istampar tal-ktieb voluminuz bi stampi pornografici.

• Il-kliem maghzul fil-poezija nissel fid-Diretturi nuqqas ta' fiducja fiz-zewg impjegati, u jiggustifika d-decizjoni ta' Robert Micallef li ma jiltaqax wicc imb'wicc mar-rikorrent u Brian Farrugia biex jisma' x'kellhom x'jghidu dwar l-allegati abbuzi. Izda fl-istess waqt il-kumpanija intimata ghamlet stedina lir-rikorrent u lil Brian Farrugia biex jaghmlu bil-miktub dak li riedu jghidu.
• Fis-Sajf ta' l-2008, meta nstabu z-zewg dokumenti, ir-rikorrent u Brian Farrugia kienu l-unici zewg impjegati fil-*Bureau* ghaliex Mario Caruana kien ilu li spicca minn Awwissu 2007.
• Ir-riferenza li saret fil-poezija rigwardanti l-ikla ghall-impjegati kollha fir-*Restaurant* Pintonino turi bic-car li l-poezija nkitbet wara li kien irrizenja mill-impieg Mario Caruana.
• Il-ktieb bi istampi pornografici nstab fl-istess post fejn instabet il-poezija u kien stampat fuq karti u migbur b'materjal li jintuzaw fix-xoghol tal-kumpanija intimata.
• Ic-cirkustanzi kollha tal-kaz juru li ma setax ikun li r-rikorrent u Brian Farrugia ma kinux jafu bl-ezistenza tal-ktieb bl-istampi pornografici, u jekk wiehed minnhom stampah u l-iehor kien jaf bih u ma warrbux, allura dan ta' l-ahhar hu komplici fl-abbuz.
• Ix-xhud wera li mhux kredibbli.
• Ir-rikorrent u Brian Farrugia ammettew il-gravita' ta' l-offiza, kemm fil-kitba tal-poezija kif ukoll fl-istampar tal-ktieb bl-istampi pornografici, u konsegwentement it-temma ta' l-impieg saret ghal-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.
• Kiteb min kiteb il-poezija u stampa min stampa l-ktieb kemm ir-rikorrent kif ukoll Brian Farrugia kienu konxji ta' kollox.

7.1.2 ghamel riferenza ghall-kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili Cit. Nru. 1168/1977 u 1836/1998 kif ukoll ghad-decizjoni fl-ismijiet Emilio Colombo vs Carmelo Wismayer nomine fil-Qorti tal-Kummerc tas-26.09 53 biex jiggustifika li l-

gravita' ta' l-offiza kienet timmerita t-temma ta' l-impieg.

Fid-dawl ta' dak kollu li jidher hawn fuq it-Tribunal Industrijali hu mistieden biex jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, Lino Vassallo f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 stqarr li;

- Ir-rikorrent u Brian Farrugia kellhom id-dritt skond il-ligi li jkomplu fl-impieg meta l-operat tal-kumpanija jkun trasferit ghand kumpanija ohra.
- Ir-riferenza tal-kaz lit-Tribunal Industrijali saret skond il-ligi u d-dikjarazzjoni tal-kaz datata 29.01.09 saret fuq talba tas-Segretarjat tat-Tribunal Industrijali.
- Ghalkemm hu minnu li Robert Micallef kien ghamel stedina miktuba lir-rikorrent u lil Brian Farrugia biex jaghmlu bil-miktub dak li kellhom xi jghidu, kien kiteb ukoll li jghidu x'jghidu, id-decizjoni kienet ittiehdet u xejn minn dak li seta' jinkiteb minnhom ma kien ser ibiddel id-decizjoni tat-temma ta' l-impieg.
- Mario Caruana ma kellu ebda gwadan fl-ammissjoni tieghu li hu kien l-awtur tal-poezija, u ghaldaqstant ghandu jitwemmen.
- Il-karti li fuqhom kienu stampati r-ritratti u l-materjal uzat biex jittella' fi ktieb ma kinux esklussivi ghall-kumpanija intimata.
- Minkejja li l-kumpanija intimata kellha kull cans li tqabbel il-kaligrafija tal-poezija mal-kitba tar-rikorrent u ta' Brian Farrugia li hi ghandha fi-rekords taghha, naqset li taghmel dan.

7.2.2 Fid-dawl ta' dak kollu li jidher hawn fuq, it-Tribunal Industrijali hu mistieden jiddikjara;

- li t-temma ta' l-*impieg* tar-rikorrent saret bi ksur tal-Ligi.

- jaghti kumpens xieraq.

**8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tat-Tribunal Industrijali**

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta:

8.01 Ir-riferta datata 16.12.08, li saret mir-rikorrent fir-registru tal-Qorti, tissodisfa l-provvedimenti tas-sub-artikli 75(2) u 75(3) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8.02 Id-dikjarazzjoni datata 29.01.09, li saret mir-rikorrent fuq talba datata 26.12.08 tas-Segretarjat tat-Tribunal Industrijali, tissodisfa l-artiklu 4 tar-Regoli ta' l-1957 dwar il-Procedura tat-Tribunal Industrijali.

8.03 Minkejja l-konoxxenza tat-talba tal-kumpanija intimata kif tidher f’Taqsima B3 tat-trattazzjoni miktuba, biex it-Tribunal Industrijali jiskarta l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-kaz datata 29.01.09 tar-rikorrent kif mitluba mis-Segratarjat tat-Tribunal Industrijali, ma saritx fl-ewwel seduta.

8.04 M'hemmx dubju li l-kliem uzat fil-poezija hu dispreggjattiv versus il-kompetenza tad-Diretturi biex jiggestixxu l-operat tal-kumpanija intimata u ohrajn, u l-kontenut tal-ktieb bi stampi pornografici zgur m'hemmx loku fuq il-lant tax-xoghol, irrispettivament minn fejn ingieb il-materjal biex jittella'.

8.05 Ghalkemm hu minnu li f’parti mill-ittra tat-temma ta' l-impieg il-kumpanija intimata ghamlet stedina ghal dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-akkuzi li jidhru fl-istess ittra, id-dikjarazzjoni ta' Robert Micallef li ssegwi fl-istess ittra, li jinghad x'jinghad mir-rikorrent id-decizjoni tat-temma ta' l-

impieg ma kinitx ser tinbidel, turi kemm l-opportunita' ghal smigh xieraq kienet inezistenti.

8.06 Id-dikjarazzjoni li tidher fit-trattazzjoni tal-kaz tal-kumpanija intimata li l-ikla tal-Milied ghall-impjegati li ghaliha saret riferenza fil-poezija inzammet fil-Milied ta' l-2007, u konsegwentement il-poezija ma setghetx inkitbet minn Mario Caruana, mhix sopportata bix-xhieda. Aaron Micallef jghid li saret f'Dicembru izda ma jghidx ta' liema sena (07.05.09 Pagna 28) u Mario Caruana jghid li l-ikla saret f’Dicembru 2005 (07.05.09 Pagna 42).

8.07 Ghalkemm il-karti u l-materjal l-iehor uzat biex jinbena l-ktieb, hu bhal dak li jintuza fil-*Bureau,* jirrizulta mix-xhieda li xejn minn dan il-materjal mhu esklussiv ghall-kumpanija intimata.

8.08 Ir-*raison d’entre* tal-kumpanija intimata fil-kunsiderazzjoni tal-provi kollha li kellha rigwardanti z-zewg offizi hi li, galadarba r-rikorrent kien wiehed mill-unici zewg impjegati li jahdmu fil-*Bureau,* u galadarba l-htija tieghu kienet diretta minhabba l-azzjoni tieghu fil-kitba u/jew l-istampar, jew indiretta minhabba l-konoxxenza tieghu ta’ azzjoni li ghamel haddiehor, rigwardanti z-zewg offizi, u minhabba n-nuqqas ta' provi ma tistax tkun attribwita lil-impjegat wiehed, allura ghandu jintemm l-impieg tat-tnejn.

**9. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li:

9.1 Ir-riferta tal-kaz lit-Tribunal Industrijal, saret skond il-Ligi, u t-talbiet li jidhru fid-dikjarazzjoni tal-kaz mitluba mis-Segretarjat tat-Tribunal Industrijali, minnbarra li fis-sustanza huma identici, jistghu jkunu kkunsidrati mit-Tribunal Industrijali.

9.2 Ir-rifjut tal-kumpanija intimata li taghti kunsidrazzjoni xierqa ghal dak li r-rikorrent kellu xi jghid in difeza rigwardanti l-akkuzi kontrih, jikser id-dritt ta' smigh xieraq.

9.3 It-temma ta' l-impieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi.

9.4 jordna lill-kumpanija intimata thaflas lir-rikorrenti s-somma ta' Tliet Elef Mija u Hamsa u Erbghin Ewro (€3,145) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f'hames pagamenti mensili ndaqs u konsekuttivi bl-ewwel pagament isir nhar l-01 ta' Gunju 2010.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).**"**

L-aggravji tas-socjeta` intimata fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huma f'din l-ordni:-

1. Gjaladarba l-ilment da parti ta' l-impjegat kellu jigi intavolat zmien erba' xhur mid-data tat-terminazzjoni, it-tieni Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu prezentata fid-29 ta' Jannar, 2009 kellha titqies *fuori termine*. Barra minn dan gjaladarba fl-ewwel Dikjarazzjoni (17 ta' Dicembru, 2008) it-Tribunal ma kellux talba specifika biex jiddikjara illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet wahda ingusta, jigi li t-Tribunal iddecieda *ultra vires*;

2. Id-decizjoni hija nulla ghaliex imsejsa fuq il-bazi tat-tkeccija ingusta in relazzjoni ma' materja ta' dixxiplina u mhux f'kuntest ta' *redundancy*, li kienet ir-raguni maqbula bejn il-partijiet. Una volta li l-impjegat ghazel jew accetta dik ir-raguni hu gie li rrinunzja ghall-pretensjoni tieghu fil-konfront taghha in bazi ghal tkeccija dixxiplinarja;

3. Jigi minn dan illi t-Tribunal kien prekluz milli jinvestiga jekk it-terminazzjoni kienetx wahda gusta jew ingusta;

4. Fil-likwidazzjoni tal-kumpens it-Tribunal kellu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt tar-raggir da parti ta' l-impjegat biex jiehu l-beneficcji socjali in vista ta' dik l-accettazzjoni tieghu tar-*redundancy*. Dan ghall-fini li jigu mitigati d-danni reali;

Fuq l-ewwel motiv ta' aggravju, hi disposizzjoni espressa tal-ligi, ex-Artikolu 75(3) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, illi impjegat li jfittex it-tutela tad-drittijiet tieghu ghat-tkeccija mhux gusta, jew biex jottjeni rimedju ghall-ksur ta' dawk l-istess drittijiet tieghu ghal dik ir-raguni, ghandu jipprezenta l-kaz tieghu lit-Tribunal Industrijali fit-terminu statutorju prefiss ta' "mhux aktar minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat". Fil-kaz prezenti din it-talba mill-appellat tressqet fis-17 ta' Dicembru 2008 fir-rigward tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu li avverat fid-9 ta' Settembru, 2008. *Ictu oculi* din it-talba kienet tirrientra fit-terminu utli ta' 4 xhur u dwar din m'hemmx kwestjoni. Dak li invece qed jigi kwerelat mis-socjeta` appellanti hi d-Dikjarazzjoni tal-Kaz sottomessa mill-appellat fid-29 ta' Jannar 2009;

Hu indiskuss illi l-principju generali dettat mil-ligi hu dak li t-talba trid tigi prezentata fiz-zmien ta' erba' xhur mid-data tas-sehh tal-ksur allegat. Gara li f'dan il-kaz, skond il-prattika forense adottata mit-Tribunal, dan talab lill-appellat biex mhux aktar tard mid-29 ta' Jannar 2009 jipprezenta Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu flimkien ma' dokumenti u taghrif iehor kif hekk lilu indikat bl-ittra tas-Segretarjat tat-Tribunal tas-26 ta' Dicembru, 2008 (fol. 2). Hu rikonoxxut mill-awtur **Norman Selwyn** ("**Law of Employment**", 15th Ed., 2008 para. 20.1 *et seq.* fil-kapitlu "<u>Practice and Procedure</u>") illi hu ammess illi fejn mehtieg u skond il-konsiderazzjoni tat-Tribunal adit l-impjegat li javvanza "*claim*" jista' jfornixxi dettalji aktar ampji fi stadju ulterjuri avolja mhux precizament fit-terminu statutorju

prefiss. Hekk jinsab ragunat illi *inter alia*, fost il-konsiderazzjonijiet pertinenti hemm dik "*whether the employment tribunal should exercise its discretion so as to permit the claim to be admitted within such further period as it considers it reasonable*" (para. 20.3). It-twegiba moghtija hi wahda fil-posittiv dipendenti mic-cirkustanzi, anke ghaliex ma jezisti ebda test stringenti l-ghala t-Tribunal ghandu jiddizattendi spjegazzjonijiet aktar estensivi ghat-talba originali sottoposta. *Multo magis*, imbaghad, meta dawn l-ispjegazzjonijiet u dettalji jkunu mitluba minnu stess. Una volta dan hu hekk akkonsentit, ic-censura li t-Tribunal iddecieda *ultra vires* mhix gustifikabbli. Dan anke ghaliex fil-kaz in ispecje din il-Qorti ma tirravviza ebda inkongruwenza bejn l-ewwel talba jew dikjarazzjoni tal-kaz (17 ta' Dicembru 2008) u t-tieni dikjarazzjoni tal-kaz (29 ta' Jannar 2009), jekk mhux dettal aktar estensiv li jikkjarixxi l-*claim* ta' l-appellat. F'dan ma hemm xejn anomalu jew mhux legittimament permissibbli. L-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant jigi skartat;

Fil-konsiderazzjoni tat-tieni u t-tielet gravami li ser jigu flimkien ezaminati, il-fehmiet ta' din il-Qorti qed jigu riflessi bil-mod segwenti:-

1. F'tema ta' kuntratti l-fatt li l-partijiet jaghtu lill-ftehim taghhom xbiha ta' figura guridika ma jfisserx li b'daqshekk il-Qorti hi impeduta milli tistharreg fil-fatt x'ghamlu u fuq is-sustanza tapplika n-*nomen juris* u l-ligi (ara "**Robert Borg -vs- Francesco Abela**", Appell Kummercjali, 16 ta' Dicembru, 1949 u "**Zicalakri -vs- Galea**", **Vol. XII p 348**). B'analogija, in-natura tal-licenzjament ma tiddependix mid-denominazzjoni taghha fuq il-formula tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ma' l-ETC izda mis-sostanza reali tat-temm ta' impjieg. Effettivament, fil-kaz taht konsiderazzjoni d-denominazzjoni ta' "*redundancy*" fuq dik il-formula ma ssib ebda riskontru fir-realta` tal-vicenda processwali, anke ghaliex ghall-istess socjeta` appellanti, in bazi ghad-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha, it-tkeccija ta' l-appellat ma kienetx ghal dik ir-raguni (*redundancy*) izda bhala mizura dixxiplinarja ghall-

fatt ta’ poezija dispregjattiva fil-konfront tad-dirigenti tal-kumpanija u ghal fotokopjar ta’ stampi oxxeni;

2. Il-Qorti tara illi l-argoment tas-socjeta` appellanti invokanti l-principju *electa una via* jiddifetta, fil-kaz partikolari, minn attitudni errata u koncezzjoni zbaljata tal-principji tad-dritt u ta’ kif kellhom jigu vizwalizzati l-fatti. Ibda biex, jekk kienu l-partijiet li qablu flimkien fuq dik il-formulazzjoni, intiza semplicement biex l-impjegat ikun f’posizzjoni li jirregistra, ma jidherx li huwa lecitu li jigi nvokat il-principju kontra l-appellat ghaliex dan issa ippromwova l-azzjoni ghar-rizarciment tal-kumpens minhabba tkeccija ingusta. Fit-tieni lok, ma jidherx lanqas illi dik il-formulazzjoni kellha ggib, b’konsegwenza, ir-recess da parti ta’ l-appellat ghal dik l-azzjoni tieghu, meta kienet hekk maghrufa miz-zewg partijiet il-vera raguni tal-licenzjament. Dan anke ghaliex l-appellat ma jidherx li qatt abbanduna dak id-dritt tieghu u minn ebda kondotta jew att tieghu ma jista’ jitqies presuppost xi intenzjoni fih li huwa kien, ghal dik il-formulazzjoni, qed jirrinunzja jew jabdika dak id-dritt tieghu;

3. Kien ghal kollox fil-kompitu tat-Tribunal li, fuq il-valutazzjoni prudenti tieghu tal-provi, jiddetermina x’wassal verament biex jingieb fit-tmiem ir-rapport tax-xoghol u, ukoll, jekk il-*causa* ghal dan kienetx wahda gustifikata, indipendentement minn *nomen juris* li dwaru qablu l-partijiet. Dan qed jig rilevat, u sottolinejat ukoll, ghaliex kien dejjem fid-disponibilita` funzjonali u attributtiva tat-Tribunal, bhala parti mill-ezercizzju gudizzjali tieghu, li jevalwa c-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz fil-qafas proprju taghhom biex jassikura jekk it-terminazzjoni kienetx dovuta verament ghal “*redundancy*” jew, invece, ghal dik ir-“raguni tajba u bizzejjed” li jippreciza l-Artikolu 36 (14) ta’ l-Att ghal skop ta’ tkeccija;

4. Indubbajmanet il-formazzjoni tal-konvinciment tat-Tribunal illi hawnhekk f’dan il-kaz si tratta ta’ mizura dixxiplinarja, u mhux ta’ *redundancy*, hi assistita minn konsiderazzjoni adegwata tal-materjal istruttorju, mhux l-anqas dik tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` appellanti stess, u dik tar-ricerka formattiva dixxendenti mill-provi.

Akkoppjat ma' dan, kif hekk rizultanti mill-partijiet motivazzjonali u dispositivi tas-sentenza, dwar x'kienu l-elementi probatorji effikaci u l-effetti guridici determinanti illi l-licenzjament ta' l-appellat ma sarx ghal raguni gusta;

5. Irid jinghad, imbaghad, illi, innegabilment, l-indagini mit-Tribunal fis-sens premess kienet wahda rigoruza u l-valutazzjoni tieghu kompleta, attiz li hawnhekk il-materja ma kienetx wahda sempliciment ta' rizoluzzjoni ta' kuntratt, hu x'inhu, jew ta' xi ghazliet ghal xi skopijiet ohra, izda ta' kuntratt ferm importanti tax-xoghol koncernanti impjeg ta' persuna li kienet ghal zmien ipprestat is-serivzzi taghha lill-kumpanija u dwar liema kuntratt il-ligi takkorda pjena tutela, fejn misthoqqa, lill-impjegat. Ma kienx allura barra minn loku l-kumment tat-Tribunal illi f'dan il-kaz il-kumpanija appellanti naqset milli thares kif imiss fil-fazi pre-processwali l-interessi ta' l-appellat ghad-difizi tieghu kontra l-akkuzi addebitati lilu;

6. In konkluzjoni, il-Qorti ma jidhrilhiex illi t-Tribunal wasal ghall-gudizzju tieghu permezz ta' xi process interpretattiv erroneju tal-fatti accertati u tar-regola tad-dritt applikabbli. Anke allura t-tieni u t-tielet aggravji qed jitqiesu insostenibbli;

Dwar l-ahhar aggravju din il-Qorti kull ma ghandha xi tghid hu dan. Is-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi li tuza l-*cavallo di battaglia* tar-*redundancy* fit-tentattiv li tiddiminwixxi l-gravita tal-kaz u biex tirreduci l-kwantum tal-kumpens likwidat. Ghal darb'ohra jkollu jinghad b'ripetizzjoni illi dak sottomess mis-socjeta` appellanti mhux sostenibbli, tant ghaliex l-argoment interpost ma ghandu ebda riskontru fil-parametri ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att, tant ghaliex ukoll ma kienx fil-kompitu gurisdizzjonali tat-Tribunal Industrijali jekk l-appellat kienx qieghed jircievi beneficcju taht is-sigurta` socjali ghal dizimpjieg ghall-iskop li jimmitiga r-responsabilita accertata u l-kumpens xieraq likwidat u dovut linejari ghal dik l-istess responsabilita`.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita` taghha, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------